MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 100/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Mary Portelli**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Mary Portelli talli bi ksur ta' l-artikolu 43(1)(c) ta' l-Att ta' 1999 dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, Kapitolu 409, wara li fis-17 ta' Ottubru 2005 kien gie notifikat b'avviz ta' infurzar fuq ''Eren Kebab House'', Triq it-Turisti, k/ma' Triq il-Maskli, San Pawl il-Bahar, fil-31 ta' Jannar 2006 u fil-granet ta' qabel, naqas milli jhares xi wahda mill-htigiet ta' dan l-avviz peress li baqa' jippermetti l-operazzjoni jew opera l-istabbiliment u ma rregolarizzax il-pozizzjoni tieghu.

Il-prosekuzzjoni talbet li jekk l-imsemmi Joseph Mary Portelli jinstab hati minn din il-Qorti, jigi kkundannat ihallas multa ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 43(1)(2) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Frar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 403 tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Joseph Mary Portelli u kkundannatu ghal multa ta' elfejn euro (€2,000) pagabbli f'pagamenti ta' mitejn u hamsin euro (€250) fix-xahar;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Mary Portelli pprezentat fil-25 ta' Frar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellat hija nulla peress illi nieqsa minn dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija; (2) li l-awtoritajiet koncernati mxew skorrettement meta nnotifikaw lilu bl-avviz ta' inforzar peress illi huwa ma kellu ebda kontroll legali fuq is-sit li kien mikri lil terzi, u ghalhekk japplika l-principju *ad impossibilia nemo tenetur*; (3) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi ghax ir-responsabbilta` kienet unikament tat-terzi.

**6.** Minn ezami tal-parti konkluziva tas-sentenza appellata, jirrizulta illi wara li l-ewwel Qorti semmiet l-artikolu 43 Tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaddiet minnufih ghall-kundanna minghajr ebda dikjarazzjoni ta' htija. Issa, l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta l-Qorti taghti s-sentenza **"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."**

**7.** Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Agius** moghtija fil-15 ta' Marzu 2012:

**"Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, ifisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija iwassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll huwa suggett ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati."**

**8.** Ghaldaqstant, peress illi s-sentenza appellata hija karenti minn dan l-element, l-ewwel aggravju ta' l-appellant jimmerita akkoljiment.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u tordna illi l-atti jigu rimandati lill-ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------